# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar 2023**

**Talba Nru: 259/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 7**

**The Scout Association of Malta [VO 0311]**

**Vs**

**Alfred [KI 103848M] u Monica [977250M] konjuġi Catania, Malcolm Aquilina [KI 32886M] u Emmanuel [KI 1061044M] u Adelina [KI 533546M] konjuġi Mangion**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2020[1], permezz ta' liema l-assoċjazzjoni attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jħallsuha s-somma ta' erba' t'elef, disa' mija u tnejn u tletin Ewro u erbgħin ċenteżmu

[1] A fol 1 *et seq.*

(€4,932.40ċ) rappreżentanti ħsarat ġewwa garaxx propjetá tagħha kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħaxijiet;

Ra d-dokument anness mal-Avviż[2];

Ra r-risposta kontenenti kontro-talba tal-konvenuti Malcolm Aquilina, Emanuel u Adelina konjuġi Mangion permezz ta' liema huma laqgħu għat-talba attriċi b'eċċezzjonijiet ġeneriċi fil-mertu. Fil-kontro-talba mbagħad jitolbu indennizz ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2500) rappreżentanti danni fil-propjetajiet tagħhom minħabba installazzjoni ta' pipe; Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-imgħax[3];

Ra r-risposta tal-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata tramite liema eċċepiet li l-azzjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti kienet wieħed preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-qbija ċaħdet r-responsabbilitá ta' danni reklamati[4];

Ra d-digriet tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2021, fejn, frott diżattensjonijiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti, ġiet miċħuda talba sabiex uħud minnhom jiġu dikjarati kontumaċi[5];

Ra dak verbalizzat fl-istess seduta u ċioé li r-risposta u konto-talba ta' Malcolm Aquilina, Emanuel u Adelina konjuġi Mangion għandha tgħodd bl-istess mod għall-konvenut l-oħra konjuġi Catania. Fl-istess waqt, ġie dikjarat lir-risposta tal-

[2] Dok A, a fol 4 *et seq* tal-proċess.
[3] Risposta relattiva tibda a fol 15 tal-proċess.
[4] Risposta relattiva tibda a fol 18 tal-proċess.
[5] Digriet jibda a fol 57 tal-proċess.

Assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata kellha tgħodd għal dawn l-aħħar konvenuti wkoll[6].

Ra l-affidavit ta' Alexander Cutajar[7];

Sema' x-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti Alfred Catania in subizzjoni[8];

Sema' x-xhieda tal-Periti Charles Buhagira u Thomas Tanti[9];

Ra d-dokument eżebit mill-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata[10].

Ra l-affidavtis tal-kovenuti[11];

Sema' x-xhieda ta' Stanislaus Agius, Alexander Cutajar u Anthony Muscat[12];

Sema' x-xhieda ta' Vincent Catania, Emanuel Mangion u Malcolm Aquilina[13];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-assoċċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata[14];

Ra r-rikors tal-konvenuti Malcolm Aquilina, Emmanuel Mangion u Alfred Catania, liema rikors ġie miċħud permezz ta' digriet datat 11 ta' Jannar 2023[15];

---

[6] Verbal relattiv jinsab a fol 55 tal-proċess.
[7] Nota relattiva tinsab a fol 63 tal-proċess.
[8] Magħmul fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021. Dan jibda a fol 69 tal-proċess.
[9] Magħmula fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022. Xhieda relattiva tibda a fol 78 tal-proċess.
[10] Nota relattiva tinsab a fol 90 tal-proċess.
[11] Dawn jibdew a fol 93 tal-proċess.
[12] Magħmula fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022.
[13] Magħmula fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2022.
[14] Din tibda a fol 140 tal-proċess.
[15] Rikors relatttiv jinsab a fol 149 tal-proċess.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti konjuġi Catania[16];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti Malcolm u Emmanuel Mangion[17];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Alexander Cutajar, permezz t'affidavit[18]. Hawn jispjega li huwa Grop Scout Leader fi ħdan l-assoċjazzjoni attriċi. Din hija propjetarja tal-garaxx in kwistjoni u dan jintuża mill-grupp tal-iscouts tal-Marsa. Jispjega li dan il-garaxx jiġi direttament taħt blokka flats li jappartjenu lill-konventui rikonvenzjonanti. Parti mis-saqaf tal-garaxx huwa taħt shaft intern fejn hemm għaddejja s-sistema ta' drenaġġ. Jispjega li l-garaxx sofra diversi ħsarat fis-saqaf minħabba perkolazzjoni ta' ilma. L-iktar parti affettwata hija dik li tinsab taħt is-shaft. Il-problema ġrat diversi drabi. Għal-bidu tas-sena 2019 kien mar u ra is-saqaf tal-garaxx imxarrab, l-ilma beda jqattar u wkoll kien hemm għadajjar ta' l-ilma mal-art. Kien informa b'dan lil Alfred Catania li ġie fuq il-post u qallu li kien sejjer jagħmel il-verifiki. Ftit ġimgħat wara reġa' ġara l-istess.

[16] A fol 155 tal-proċess.
[17] Din tibda a fol 163 tal-proċess.
[18] Nota relattiva tibda a fol 63 tal-proċess.

Wara dan l-aħħar episodju saru xi xogħolijiet fil-katusi tal-appartamenti. Permezz ta' korrispondenza elettronika tad-29 ta' Mejju 2019, wieħed mis-sidien bagħat jgħarrfu li kienu saru dawn ix-xogħolijiet u li skont huma l-problema feġġet minħabba pipe tagħhom li kien ġie mqabbad b'mod ħażin mas-sistema. Huwa kien irrisponda li dan il-pipe żgur qatt ma seta kien il-kaġun ta' dan kollu, iżda għażel li dan ma jerġax jitwaħħal xorta waħda. Jagħti spjega ta' x'kien dan il-pipe, li kellu biss dijametru ta' 20 millimetru u kien jintuża bħala drain ta' sink. Dan is-sink intuża biss rarament. Wara li tneħħa dan il-pipe kien hemm okkażjoni oħra ta' perkolazzjoni, din id-darba f'Diċembru 2019. B'hekk jgħid li dan il-pipe żgur ma kienx il-kaġun tal-problema. Dakinhar, il-konvenuti kienu ġew jaraw il-problema wkoll. Jgħid li għalkemm kienu ġew mwiegħda li l-konvenuti kienu sejrin jagħmlu xogħol riparatorju, dak li sar ma kienx suffiċjenti għaliex baqa' jipperdura. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

Illi l-istess xhud, in kontro-eżami[19], jispjega li ilu membru tal-iscouts ghall dawn l-aħħar 42 sena. Meta daħlu fil-garaxx fis-sena 1998 kien hemm xi ħsara li ġiet irranġata flimkien mas-Sur Catania. Il-bini in ġenerali huwa fi stat tajjeb. Ma jaqbilx li fuq parti sostanzjali tal-garaxx huwa mikxuf. Qatt ma għamel kuntatt mal-amministratur tan-naħa l-oħra tal-garaxxijiet. Ir-ritratti li hemm a fol 8 u 9 juru postijiet li jmissu ma xulxin. Hemm distanza minima. Jerġa jikkonferma lit-tieni darba li daħal l-ilma kien wara li saru t-tiswijiet. Jaqbel li kien qal li l-pipe iż-żgħir mhux ħa jerġa jsir.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Alfred Catania in subizzjoni[20]. Jgħid li l-post tiegħu huwa direttament fuq il-garaxx. Jgħid li dan ix-xaft (li huwa jsejjaħ bitħa interna) tiġi direttament fuq il-garaxx ukoll. Fiha hemm għaddej is-servizz tal-ilma kollu.

[19] Xhieda relattiva tibda a fol 120 tal-proċess.
[20] Xhieda relattiva tibda a fol 69 tal-proċess.

Jikkonferma li saru xogħolijiet għaliex kien hemm perkolazzjoni għal-ġewwa l-garaxx.

Illi Alfred Catania reġa xehed in eżami permezz t'affidavit[21]. Jgħid li l-appartament tiegħu huwa fl-ewwel sular, direttament fuq il-garaxx in kwistjoni. Meta kien ġie mgħarraf bil-problema, huwa tkellem mal-konvenuti l-oħra sabiex tinstab soluzzjoni. Sabu persuna Stanislaws Agius sabiex jagħmel ix-xogħolijiet. Meta dan ġie fuq il-post sabu li kien hemm pipe żgħir li kien imqabbad mal-komun tagħhom. Dan kellu direzzjoni il-ġewwa u mhux il-barra u għalhekk skond hu, dan il-pipe kien il-kaġun tas-sadd. Xi ftit wara irċieva legali sabiex iħallas l-ispejjeż iżda wara, din il-komunikazzjoni nbgħatet ukoll lis-sidien l-oħra. Sa fejn jaf hu, l-assoċjazzjoni qatt ma kellha jedd li tweħħel pipe ġewwa l-katusa komuni.

Illi l-istess xhud, in kontro-eżami[22], jikkonferma li l-katusi huma komuni bejn il-konvenuti u li dakinhar ra l-ilma nieżel fil-garaxx. Jikkonferma li ra s-saqaf imxarrab. Dwar il-kontro-talba jgħid li din saret għaliex it-tibdil sewa l-flus. Sa fejn jaf hu kien hemm ftehim li tinbidel is-sistema kollha.

Illi xehed ukoll l-Inġinier Anthony Muscat[23]. Jispjega li huwa membru tal-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata. Jgħid li l-katusa kellha dijametru ta' 100 millimetru u magħha kien hemm pipe ta' 20 millimetru. Skond hu u impossibbli li dan l-aħħar pipe kien il-kaġun tal-blockage. Dan il-pipe kien żewġ filati aktar l-isfel minn fejn seħħet il-ħsara u dan imur kontra l-liġi ta' gravita. Dan il-pipe kien konness ma' sink. Jgħid li huwa meta daħal fl-istorja is-sistema kienet inbidlet pero xorta kien hemm okkażjoni fejn l-ilma reġa' daħal.

[21] Dan jibda a fol 94 tal-proċess.
[22] Dan jibda a fol 129 tal-proċess.
[23] Xhieda relattiva tibda a fol 71 tal-proċess.

Illi l-istess xhud in kontro-eżami[24], jerġa jikkonferma li l-pipe kien diġà tneħħa meta daħal hu fix-xena.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed il-Perit Charles Buhagiar[25]. Hawn jikkonferma ir-rapport mħejji minnu anness mal-Avviż. Jgħid li l-garaxx kellu ħsara fi spelling tal-concrete u kien hemm ukoll blata maqsuma. Ċar li dan huwa riżultat ta' perkolazzjoni t'ilma. Jgħid li probabbilment l-ilma daħal mill-bitħa. Huwa kien spjega x'kellu jsir iżda ma ntalabx jagħmel stima.

Illi xehed ukoll il-perit Thomas Tanti. In eżami[26], jikkonferma l-involviment tiegħu skond kif imniżżel fir-rapport relattiv. Dwar il-pipe żgħir jgħid li hu nfurmat li dan kien diġà fil-post u kien imqabbad mas-sink. Ma telax fuq, iżda huwa ovvju għalih li d-dannu seħħ minn perkolazzjoni. Jgħid li għalkemm saru xi xogħolijiet xorta waħda baqgħet il-problema. In kontro-eżami fl-istess seduta jikkonferma lir-ritratti ħadhom hu. Jikkonferma wkoll li kien reġa mar fuq il-post. Ma kellux aċċess biex jitla fil-propjetá ta' fuq. Il-pipe iż-żgħir kien diġà inqatá. Aktarx il-problema ġejja mill-bitħa.

Illi Emmanuel Mangion xehed permezz t'affidavit[27]. Hu jgħix fi flat numru 3 u ilu hemm mis-sena 1974. Il-garaxx ta' isfel jiftakru jintuża minn nies oħra qabel ma daħlet l-assoċjazzjoni attriċi. Kien ra l-ilma jqattar ġewwa l-garaxx. L-għada kienu ġabu persuna sabiex jagħmel xi xogħolijiet u sab blockage. Wara li dan tnaddaf sab li kien hemm pipe imdeffes fil-katusa u li kien sejjer fid-direzzjoni opposta. Qal li jkun aħjar li ssir katusa ġdida. Jgħid li huwa ċar li dan il-katusa ġiet imtaqqba bla ħsieb. Skond il-persuna inkarigata, il-blockage seħħ minħabba

[24] Dan jibda a fol 125 tal-proċess.
[25] Xhieda relattiva tibda a fol 78 tal-proċess.
[26] Xhieda relattiva tibda a fol 81 tal-proċess.
[27] Dan jibda a fol 97 tal-proċess.

d-direzzjoni tal-pipe iż-żgħir. Il-garaxx kien mitluq. Skond hu, il-ħsara fis-saqaf kien kaġun ta' nuqqas ta' manutenzjoni u mhux minħabba xi perkolazzjoni. Jgħid li l-ammont mitlub minnhom huwa dak imħallas lill-persuna li qabbdu għax-xogħol. Jgħid lill-Perit tal-Assoċjazzjoni huwa totalment żbaljat. L-istess jgħid dwar L-Inġinier Muscat.

Illi in kontro-eżami, Mangion jikkonferma li ra l-ilma joħroġ mill-leak. Ra wkoll il-ħsarat. Jikkonferma li Stanislaws Agius kien qalilhom li peress li probabbilment hemm blockages fil-medda kollha, ikun aħjar li jinqala kollox. Ma jaqbilx ma dak li qal Agius fix-xhieda tiegħu, iżda jgħid li ma jistax jikkmanda dak li jgħid hu.

Illi Malcolm Aquilina xehed permezz t'affidavit[28]. Hawn jispjega li huwa residenti tal-appartament enumerat tnejn fl-istess blokka. Jgħid li ilu jgħix hemm għal dawn l-aħħar sebgħa snin u li fil-garaxx kien hemm diġà l-assoċjazzjoni. Meta ġie infurmat bil-problema, inkarigaw espert li sab blockage. Din ġiet imnaddaf u sabu li kien hemm pipe fil-katusa. Ġew eżebiti ritratti, li jikkonferma ħadhom hu. Ukoll jgħid li l-garaxx kien malandat u li l-problema ġejja minn nuqqas ta' manutenzjoni. Jgħid li għalkemm bidlu l-katusa, bl-ebda mod m'għamlu dan għaliex kien qegħdin jammettu tort. Imbagħad jirrepeti kważi kelma b'kelma dak li qal Mangion fl-affidavit tiegħu. Kontro-eżaminat[29] imbagħad, jikkonferma li ra l-ilma nieżel fil-garaxx. Kien wara dan il-leak li ddeċċidew ibiddlu l-katusa kollha, u anke minħabba l-fatt li l-antik kien tal-asbestos. Skond hu Stanislaws qalilhom li dan il-blockage seħħ minħabba l-pipe iż-żgħir. Il-kontro-talba saret għaliex huma ma kienux qegħdin jippretendu li jirċievu din il-kawża.

---

[28] Dan jibda a fol 101 tal-proċess.
[29] Xhieda relattiva tibda a fol 136 tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed is-Sur Stanislaws Agius. In eżami[30] jgħid li huwa xogħolu li jiftaħ d-drenaġġ u jagħmel katusi. Kien ċempillu Catania dwar din il-problema. Jgħid li sab *stoppage* fit-triq. Intalab jagħti stima dwar katusi ġodda, u dawn inbidillu. Jgħid lit-torba fil-bitħa kienet niexfa. Fil-katusi tal-garaxx kien sab pipe irqieq. Mistoqsi direttament jekk dan il-pipe kienx ir-raġuni tal-blocakge jgħid li le, il-blockage kien barra fuq il-bankina. Jikkonferma li tħallas xi elfejn u ħames mija. Dwar ir-rapport tiegħu jgħid li dawn għamlithom il-mara għaliex ma jafx jikteb. Jgħid lid-direzzjoni tal-pipe iż-żgħir kien ħażin u kien kontra l-flow. Dan il-pipe inqala. Jgħid li l-katusa inbidlet għax kienet tal-asbetos. Il-blockage kien ikkawża mis-sufun. In kontro-eżami fl-istess seduta jerġa jispjega li kien hemm blockage fuq il-bankina fis-sufun. Il-blockage kien ġej mill-ħmieġ li kien hemm. Jgħid li l-katusa kella tinbidel minħabba ż-żmien.

**Ikkunsidra**

**<u>It-Talba Prinċipali</u>**

Illi magħmul dan ir-riassunt, t-Tribunal iqis li l-artikoli rilevanti għal każ in deżamina huwa dawk emerġenti mill-artikoli 1031[31], 1032(1)[32], u 1033[33] tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa permezz ta' dawn li trid tinstab soluzzjoni għal-preżenti litiġju.

[30] Dan jibda a fol 137 tal-proċess.

[31] L-artikolu jgħid hekk: *Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

[32] L-artikolu jgħid hekk: *Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.* Speċifikament fuq dan l-artikolu, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Giuseppe Spiteri vs Alexander Camilleri</u>**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili, nhar id-9 ta' April 1937, Vol. XXIX.i.937.

[33] L-artikolu jgħid hekk: *Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta'ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

Illi b'mod ġenerali u in vena ġurisprudenzjali jingħad li kull minn jagħmel użu minn dritt tiegħu għandu jutilizza l-istess fil-limiti ġusti[34]. Propjetarju, jista' jagħmel liberalment modifiki fil-fond tiegħu, basta ma jaggravax jew jiddanneġġja l-propjetà tal-ġar[35]. Ukoll, sid ta' propjetà jwieġeb għal ħsara hekk ikkawżat fil-propjetà tal-viċin[36]. Dan l-obbligu, f'każ li hekk jinstab, jagħti possibbilment lok għal-proċeduri mis-sid kontra t-terz[37].

Illi għal dak li jikkonċerna talbiet simili rigwardanti perkolazzjoni, jingħad li r-responsabbilitá tista tiqies ukoll f'min għandu kustodja ta' fond[38]. Naturalment,

---

[34] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel u Lucy konjugi Mifsud vs Victor Camilleri**, (App Ċiv Nru: 1918/1996/1, mogħtija finalment mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Diċembru 2004, l-Ewwel Qorti, kienet ċċitat minn-sentenza preċedenti li qalet hekk: *"Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu".*

[35] Hija ripetutament iċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Bugeja vs Washington**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Mejju 1897, fejn din kienet enunċjat is-segwenti: *"Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino".*

[36] Fis-sentenza fl-ismijiet **Captur vs Borg,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 1993 intqal *"kull min, b'xoghol konness ma kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni".*

[37] Fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour u Emanuela konjugi Brincat vs Salina Estates Limited u b'digriet tal-20 ta' Frar tas-sena 2001 Andrew Scicluna u Vica Limited kjamati in Kawza,** (App Ċiv Nru: 510/1999/1), mogħtija mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Frar 2004 intqal hekk: *"Hu, del resto, pacifiku, u dan minn zmien sekolari, illi "non puo un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi compotrebbe tutto al piu` un diritto si rivalsa" – "Borg –vs- Falzon" a Vol III pagna 16".*

[38] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza ċitata mid-difensur tas-soċjetá attriċi fit-trattazzjoni tal-għeluq u ċioé **GasanMamo Inurance Limited pro et noe vs Doreen Vella et,** (App Ċiv Nru: 488/2008/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' April 2014 fejn ġie ritenut hekk: *"Fil-fehma espressa ta' din il-Qorti, f'kazijiet tax-xorta hawn ikkontemplati ta' perkolazzjoni ta' ilma minn fond wiehed ghall-iehor, in-natura oggettiva tar-responsabilita` hi skontata u ben evidenti. Din ir-responsabilita` hi fondata fuq il-fatt illi l-fond li minnu pperkola l-ilma kien taht il-kustodja ta' l-appellanti-sidien tieghu, u huwa dan l-istess fatt li ghandu jassumi l-aktar riljev fil-fattispeci. Dan qed jigi sottolinejat ghaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu innifsu kriterju ta' responsabilita`, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilita` tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilita` ghas-sehh ta' certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruhu;"* Ta min jissenjala li din is-sentenza, li hija ċitata diversi drabi

dan jikkonċerna mhux biss il-ġebla fiżika iżda anki, bħal każ odjern, sistema ta' drenaġġ[39]. Il-kolpa tista wkoll tiġi deżunta[40]. Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenuti li dan m'huwiex każ ta' *res ipsa loquitur*[41].

---

b'suċċess f'ħafna deċiżjonijiet oħra b'fatti simili bħal dawk odjerni, ġiet ukoll riportata riċentement mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) **Atlas Insurance PCC Limited et vs Mary Zammit**, (Rik Nru: 138/18) mogħtija nhar is-29 ta' Settembru 2021 (mhux appellata).

[39] Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Vella et vs Michael Cilia,** (App Ċiv Nru: 46/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn intqal hekk: *"Jezistu mbaghad certi presunzjonijiet legali ta' responsabilita` fir-rigward ta' sidien ta' bini bhal dawk ezemplifikati fl-Artikoli 1041 u 1042 tal-istess Kodici. Wiehed neċessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda limpjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih. Huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u nstallazzjonijiet taht il-kontroll tieghu. Li jfisser allura li jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali. Il-mizuri talprekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u l-boghod minn kull logika taddover primarju tad-diligenza"*

[40] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Atlas Insurance pro et noe vs Anthony Sacco et,** (App Ċiv Nru: 28/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Ottubru 2009 fejn intqal hekk: *"Kif inhu maghruf il-kolpa, dezunta mill-fatti u c-cirkostanzi tal-kawza, hi element li, flimkien mar-rapport ta' kawzalita` ta' fatt, isservi biex tiddetermina l-ezistenza ta' fatt illeċitu li jkun gab fis-sehh id-dannu."*

[41] Hawn isir riljeva għas-sentenza fl-ismijiet **Albert Farrugia vs Peter Galea *et*,** (App Ċiv Nru: 1543/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Frar 2007 fejn intqal hekk: *"In linea ta' principju generali ghall-ezistenza tal-htija jrid ikun hemm il-prova tal-kolpa, u billi hu l-attur li jallega din il-prova tmiss lilu. Hekk allura, b' illustrazzjoni, jinsab ritenut illi "il vicino il cui fabbricato è incendiato come conseguenza dell' incendio sviluppato in uno stabilimento vicino, se chiede una indennita` al conduttore o proprietario di tale stabilimento, ha l' onere della prova della colpa di tale proprietario o conduttore perche egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contro il quale il reclamo vien fatto" (Kollez. Vol. XXV P III p 768). Dan, izda, mhux dejjem hu hekk il-kaz; Hu difatti rikonoxxut illi jezistu kazijiet fejn il-fatti dannużi juru l-impronta tal-htija, b' mod li min ikun ipprova dawk ilfatti ghandu jinftiehem li pprova wkoll il-htija u allura jkun obbligu ta' min ikun kagun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija filli ssuccieda. Jinghad a propositu, b'ezemplari, illi "all' attore incombeva soltanto la prova del danno sofferto e non stava a lui di provare che la causa di quel danno fosse stato la colpa dell' operaio" (Kollez. Vol. XXIV P I p 893). Dan kien kaz fejn id-dannu pretiz filmutur kien kagonat minn haddiem fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tat-tiswija tieghu. Issokta jinghad f' din l-istess decizjoni illi "spettava al convenuto di dimostrare che egli nell' esecuzione di quel lavoro aveva adoperato la diligenza, la prudenza e l' attenzione da lui dovuta e che il danno fosse attribuito non a sua colpa ma al caso fortuito o ad altre cause estranee da lui indipendenti"; Hawnhekk, tista' tghid, qeghdin f' sitwazzjoni konsimili. Kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' lilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjeta` ta' l-appellanti. Hi din il-prova tanness materjali tal-kawzalita` bejn l-ingress ta' l-ilma u ddannu verifikat li*

Illi applikati l-fatti ta' dan il-każ għal dawn il-prinċipji ġenerali, dan it-Tribunal jgħid mingħajr eżitazzjoni li l-assoċjazzjoni attriċi seħħilha tipprova l-każ tagħha b'mod komplet.

Illi kif jirriżulta mill-*iter* fattwali hawn magħmul, apparti x-xhieda soġġettiva tal-kontendenti, ġiet offruta xhieda teknika minn esperti *ex parte* tal-assoċjazzjoni attriċi. Tajjeb jingħad li tali prova hija aċċettata fis-sistema tagħna[42], salv biss għall-fatt li prova simili hija soġġetta għall-istess kriterji ta' valutazzjoni magħmula meta perit tekniku ikun ġie inkarigat minn awtorità ġudikanti[43]. Għalhekk huwa applikabbli wkoll it-tagħlim li solitament jiġi mfakkar f'dan ir-rigward[44].

Illi mill-assjem tal-provi jirriżulta ampjament ċar li l-kaġun tal-perkolazzjoni ma kienx ġej minn dak allegat mill-konvenuti, u ċioé pipe b'dijametru daqshekk żgħir. Anke hawnhekk, dan it-Tribunal isib komfront fix-xhieda tat-tekniċi li eliminaw b'mod dettaljat din l-ipotesi. Li kieku kien hekk ma kien ikun hemm ebda raġuni l-għala s-sistema tad-drenaġġ kellha tinbidel kompletament u terġa ssir mill-ġdid.

Illi x-xogħol imwettaq mid-difensur tal-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata kien ta' piż kbir f'dawn il-proċeduri. Dan it-Tribunal ma jistax ma josservax numru ta' inkonsistenzi u eżitazzjonijiet li f'daqqa waħda feġġew waqt dan l-

---

*kienet tinkombi fuq l-attur. Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-presenza tar-responsabilita` oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principji tar-res ipsa loquitur."*

[42] Artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[43] Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[44] Fuq din it-tematika wieħed huwa mistieden jara l-ġabra ġurisprudenzjali rakkolta fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Pisani et vs Adam Bartolo** (Rik Ġur Nru: 13/06 JZM), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2016, per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon (mhux appellata).

interrogatorju[45]. Tassew, dan it-Tribunal għandu dubji serji dwar il-veraċita tal-verżjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti hekk kif magħmula fl-affidavits tagħhom.

Illi finalment, dwar it-talba magħmula mill-assoċjazzjoni attriċi rigwardanti l-ispejjeż inkorsi għar-rapport peritali jingħad li dawn ukoll għandhom jiġu rimborsati lill-assoċjazzjoni hekk rikonvenzjonata. Jemerġi ċar li tali rapport kien meħtieġ ai fini ta' dawn il-proċeduri u li għen ukoll fir-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza. Għalhekk, it-Tribunal ma jsib xejn ħażin li spejjeż ta' din in-natura ikunu wkoll inkorporati u mitluba f'dan il-qafas (ċioé bħala danni). Tassew il-Qrati tagħna[46] u anki dan it-Tribunal (diversament presedut)[47] aċċettaw talbiet għal-ħlas ta' periti *ex parte*. Dan it-Tribunal, fid-dawl ta' dak hawn fuq indikat qiegħed jerġa' jtenni din il-pożizzjoni.

Illi finalment, dwar l-ammont indikat mill-Perit, fir-rapport tiegħu, dan ma ġie kontradett bl-ebda mod. Għall-istess raġunijiet imfissra aktar qabel, it-Tribunal qiegħed jistrieħ fuq din il-prova teknika. Ma jirriżultax li l-ammont indikat huwa b'xi mod eżaġerat jew irraġonevoli.

Illi għalhekk t-talba prinċipali sejra tintlaqá.

---

[45] Kif jgħid l-awtur **Giorgio Bianchi**:*"L'interrogatorio formale ha la finalitá di provocare la confessione e cioé una dichiarazione affermativa che assume valore di prova legale."* – CEDAM, 2009, a fol 172.

[46] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal u ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-25 ta' Frar 1956 (Onor Imħallef W. Harding) fis-sentenza fl-ismijiet **George Attard vs Michele Galea.**

[47] F'dan is-sens wieħed huwa mistieden jirreferi għal-elaborazzjoni fuq dan il-punt magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Norbert Caruana et vs Kuraturi Deputati għal-assenti Joseph u Maria Busuttil**, (545/2018 KCX), mogħtija nhar il-1 ta' Novembru 2021, (mhux appellata).

## **Dwar Il-Kontro-Talba**

## **L-Ewwel Eċċezzjoni -Preskrizzjoni**

Illi qabel xejn, dan it-Tribunal jgħid li għalkemm huwa prinċipalment munit li jutilizza il-kejl ekwitattiv sabiex jasal għal xi deċiżjoni tiegħu, huwa l-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta stess li jistipula li f'każ ta' eżami ta' eċċezzjoni simili, u ċioé dik tal-preskrizzjoni, dik il-fakultà ekwitattiva tispiċċa u allura, t-Tribunal jrid jiddeċiedi l-istess skond il-liġi[48].

Illi issa b'mod ġenerali, huwa magħruf li l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva[49]. Ukoll, il-preskrizzjoni hija imħollija f'idejn min jeċċepixxu l-istess, b'tali li mod li awtorità ġudikanti ma tistax tissostitwixxi l-għamla tal-preskrizzjoni eċċepita *sua sponte*. Dan wara kollox ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal dak li jinsab diġà kodifikat[50]. Huwa magħruf li meta tinqala' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni, iż-żmien jibda għaddej minn dak inhar li jkun beda dak id-dritt jew meta setgħet tiġi mibdija azzjoni[51] fuq l-istess dritt[52].

---

[48] L-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta huwa kkundizzjunat bis-segwenti: *"Iżda, f'kull każ, kull kwistjoni li jista' jkun hemm dwar il-preskrizzjoni għandha tinqata' skont il-liġi."*

[49] Dwar dan, fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak li ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Arkitett Ian Żammit vs V. Attard (Works) Limited**, (Rik Nru: 562/11/1 SM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2021.

[50] Artikolu 2111 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[51] Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[52] L-awtur Gabriel Baudry-Lacantinerie fl-opra **Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile,** fil-volum intitolat **Della Prescrizione** jgħid hekk: "*Quando comincia a decorrere la prescrizione? A questo proposito occorre distinguere tra la prescrizione acquisitiva e la prescrizione estintiva. La prima ha per principio, come punto di partenza, il giorno in cui il possesso é cominciato; poiché e fondata sul possesso che ha per iscopo di consolidare. Quanto alla prescrizione estintiva il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui é nato il diritto o l'azione che é destinata ad estinguere.*" – Kapitolu XII, para 364 fol 279.

Illi huwa ċar għal dan it-Tribunal li l-artikolu utilizzat huwa l-wieħed tajjeb u għalhekk anke dan l-aspett huwa korrett[53].

Illi tajjeb ukoll li jiġi osservat li dak rikjest mill-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[54] m'huwiex meħtieġ sabiex tirnexxi d-difiża tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu indikat mill-konvenut[55]. B'hekk minn dan l-aspett ma hemm l-ebda formalita ritwali li ma ġietx osservata u għalhekk it-Tribunal jista jissokta fl-eżaminazzjoni tiegħu fil-mertu tal-istess eċċezzjoni.

Illi huwa ben aċċettat li hemm aspetti partikolari li jirrikjedi eżaminazzjoni diversa meta wieħed ikun qiegħed jiddiskuti l-preskrizzjoni akwiljana naxxenti minn perkolazzjoni t'ilma[56]. Dan għaliex, ġeneralment id-dritt t'azzjoni ma jibdiex jiddekorri mill-mument inizjali tal-ingress, iżda jibda jiddekorri minn

---

[53] Fost diversi, t-Tribunal jissenjala (anke minħabba dak deċiż fil-mertu tal-istess eċċezzjoni) għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Bajja Ltd vs Inna Korelova *pro et noe e*,** (App Ċiv Nru: 168/2007/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-28 ta' Marzu 2014.

[54] Dwar il-kapovolġiment totali tal-istitut tal-ġurament deċisorju, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Automated Revenue Management Limited pro et noe v. Topcar Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 17 ta' Jannar, 2018) li fiha inghad hekk: *"Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament [...] tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunità jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deciżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jaghżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deciżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah."* Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut fl-ismijiet **GO p.l.c. vs Miguel *sive* Michael DeGiorgio,** (Tlb Nru: 381/2018 KCX), mogħtija nhar l-4 ta' Frar 2020.

[55] L-istess artikolu ħalla barra l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[56] Bid-dovut rigward, t-Tribunal ftit jista jifhem il-għala fit-trattazzjoni tal-għeluq saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Raymond Grech *et* vs Stefan Borg,** (Rik Ġur Nru: 2165/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-14 ta' Ġunju 2001 li ma kienet tiċċentra xejn mal-fatti tal-każ hawn in deżamina.

meta x-xogħolijiet neċessarji għat-twaqqif isir[57]. Dan huwa hekk għaliex id-dannu huwa wieħed kostanti, u inizjalment diffiċli sabiex jiġi b'mod iffukat hekk identifikat. B'hekk il-liġi tapprezza l-gravita tas-sitwazzjoni[58].

Illi fil-każ odjern, għalkemm ix-xhud Agius ħawwad kemmxejn fid-dati, huwa ċar lix-xogħol sar fis-sena 2019 u mhux kif erronjament indikat minnu[59].

Illi l-kontro-talba saret fiż-żmien utli u b'hekk din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

---

[57] F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza hija voluminuża. Bħala senjalatika dwar dan jibbasta li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat *et* vs Peter Muscat Scerri *et,*** (App Ċiv Nru: 19/2006/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Ġunju 2009 fejn ġie ritenut hekk: *"kif qalet ukoll il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Portelli v. Attard deciza fl-20 ta' Marzu 1997, meta d-danni ma jigux determinati f'mument wiehed, izda jibqghu javveraw ruhhom tul iz-zmien, b'mod li jista' jinghad li lhsara qeghdha ontinwament issir, kif jidher li qed jiġri f'dan il-kaz, it-terminu ta' preskrizzjoni ikun kontinwament qed jigi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli ssir. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza Abela v. Cassar, deciza fl-14 ta' Jannar 2002, osservat fir-rigward ta' preskrizzjoni f'kaz ta' hsara minn infiltrazzjoni ta' ilma. "Fir-rigward tal-preskrizzjoni din il-Qorti eżaminat attentament l-konsiderazzjonijiet ta' Perit Legali addottati mill-ewwel Qorti u ssib li dawn huma sostanzjalment korretti apparti l-apprezzament fattwali ta' kif, meta u sa fejn immanifestaw ruhhom id-danni biex jigi stabbilit ilmument minn meta beda jiddekorri t-terminu preskrittiv. Din il-Qorti tifhem ukoll illi f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma u umdita` fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bilmod ma kienx facli biex wiehed jistabbilixxi meta effettivament id-danneggjat seta' japprezza l-gravita` talproblema u f'kull kaz f'sitwazzjoni bhal din id-decizjoni tal-Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qieghda tiddekorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll anke bl-applikazzjoni tal-principju "contra non valentem agere non currit prescriptio".* Isir riljev ukoll għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Francis Cassar *et,*** (App Ċiv Nru: 1733/1992/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-14 ta' Jannar 2002.

[58] *Contra non valentem agere non currit praescriptio* – "La prescrizione non decorre nei confronti di chi non e in grado di agire" – **Il Latino in Tribunale, Brocardi e termini latini in uso nella pratica forense,** Federico del Giudice, SIMONE, V Ediz, 2010, a fol 78.

[59] Hija ġusta l-osservazzjoni magħmula fil-paragrafi 74 sa 79 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Aquilina u Mangion. Parti relattiva tinsab a fol 176 tal-proċess.

**Mertu**

Illi naturalment dak li ntqal fir-rigward tat-talba prinċipali jgħodd u jinċidi b'mod dirett ai fini tal-eżaminazzjoni meħtieġa sabiex tinstab ħtija fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali. Dan qiegħed jingħad għaliex ikun kontro-sens li f'ġudizzju uniku, l-azzjoni prinċipali tal-assoċjazzjoni rikonvenzjonata tintlaqá u fl-istess nifs, b'mertu identiku, fuq l-istess fatti, il-kontro-talba tiġi mirbuħa fil-konfront tagħha. Dak ikun ġudizzju *non sequitur.*

Illi peress li dan it-Tribunal sab, għar-raġunijiet hawn fuq esposti li d-danni ma kienx naxxenti mill-pipe żgħir imwaħħal fil-katusa, iżda d-dannu seħħ biss minħabba problemi ta' blockages fis-sistema tad-drenaġġ, propjetà tal-konvenuti, allura t-talba rikonvenzjonali ma tistax u m'hijiex sejra tintlaqá. Tassew, għal dan it-Tribunal, il-konvenut rikonvenzjonanti ma seħħilhomx jipprovaw dak allegat minnhom[60]. Hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal li kien jispetta lill-

[60] Illi f'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Peter Plant Limited vs Ramel u Zrar Limited,** (App Ċiv Nru: 574/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar t-18 ta' Ottubru 2006 fejn ġie mfakkar hekk: *"Issa, jekk hemm bzonn jigi hawn ripetut, il-Kodici ta' Procedura jistatwixxi fl-Artikolu 558 et sequitur dawk li huma meqjusa bhala r-regolamenti tal-provi. Senjatament, li "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" (Artikolu 562). Din in-norma ssib il-bazi taghha fir-regola tradizzjonali pacifika "onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat". Regola bhal din tesprimi certament lesigenza logika li tqieghed a kariku tal-parti li tallega fatti ghas-sostenn tal-posizzjoni taghha illi ggib il-prova ta' lezistenza taghhom. Oneru dan impost fuq il-partijiet kollha in kawza: kemm fuq dawk atturi, li jsostnu fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-fondament tad-dritt azzjonat ("actore incumbit probatio"), kemm fuq dawk, konvenut, ghas-sostenn ta' fatti migjuba b' fondament ghall-eccezzjonijiet sollevati biex jikkontrastaw il-pretiza ta' lattur ("reus in excipiendo fit actor"). Proprju "ghax reus in excipiendo fit actor il-fatt minnu allegat, li jikkostitwixxi lkontroprova minnu offerta, ghandu jigi pruvat minnu (il-konvenut)".* B'żieda ma dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bezzina *et* vs John Portelli *et***, (App Ċiv Nru: 1934/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Mejju 2007 fejn ġie mfakkar hekk: *"Ma jidherx li hemm ghalfejn jigi ripetut illi f' kull djalettika processwali hu mholli fil-poter eskluziv u dispositiv tal-parti l-prova li tixtieq tipproduci u jekk hu veru li l-gudikant irid jiddeciedi in bazi ghall-provi sottoposti lilu, il-principju imperanti jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega, sija ghas-sostenn tad-domanda, sija ghat-tishih ta' l-eccezzjoni."* Issir referenza wkoll għas-sentenza riċenti fl-ismijiet **Crystal Clean Ltd vs Apparea Ltd,** (App Inferjuri Nru: 124/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Settembru 2022 fejn, bi qbil mat-

konvenuti rikonvenzjonanti li b'xi mod ixejnu l-kontenut l-aspett tekniku ta' din il-vertenza[61]. Fil-verità ix-xhud tagħhom, Agius ikkonferma kemm il-darba x'kien il-kaġun tad-dannu u li dan ma kienx ġej mill-pipe. Ta min wieħed jagħlaq billi jirrimarka li l-istess Agius jgħid li l-katusa kellha bżonn tinbidel minħabba żmien. Huwa ċar li kien hemm nuqqas ta' manutensjoni min-naħa tal-konvenuti.

Illi b'hekk it-talba rikonvenzjonali ma jistħoqqx li tiġi akkolta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti rikonvenzjonanti għat-talba prinċipali tal-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata, jiċħad l-ewwel eċċezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni tal-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata għat-talba rikonvenzjonali iżda jilqá l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata u

---

Tribunal qalet hekk: *"It-Tribunal irrileva li l-oneru tal-prova hawn kien fuq is-soċjetà appellanta u eċċezzjoni bħal fil-każ ta' talba, tibqa' biss allegazzjoni mingħajr il-prova. Dan iktar u iktar fil-każ odjern fejn is-soċjetà appellanta kienet qegħda tikkontendi li x-xogħol magħmul ma kien ta' ebda utilità għaliha. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex għandha tiskarta dawn il-konsiderazzjonijiet, u tgħid li tikkondividi pjenament il-konklużjoni tat-Tribunal".* Minn ottika dottrinali mbagħad, issir referenza għal dak li jgħid il-ġurist **Francesco Ricci** u ċioé li *"Il principio pertanto regolatore dell'onere di provare deve cosi formolarsi: Chiunque pone a base della sua domanda o eccezione la affermazione, ovvero la nageazione di un fatto, é tenuto a somministrare la prova dell'esistenza o inesistenza del fatto; imperocché, senza questa dimostrazione, la domanda o l'eccezione non risulta fondata, ed il giudice non puo accogliere domande od eccezione infondate".* – Delle Prove, Trattati Speciali di Diritto Civile, Unione Tiprografico-Editrice, 1891, para 30, a fol 47.

[61] Ikun utli li ssir referenza għal dak li jgħid il-ġurista **Michele Taruffo** fil-ktieb tiegħu **Verso la Decisione Giusta** fejn dan jamplifikaw hekk: *"Bisogna d'altronde considerare che il giudice non opera da solo e nel vuoto. La prova scientifica si forma e si acquisisce nel contradditorio delle parti, e ċioé comporta almenu due conseguenze di rilievo. La prima é che anche gli avvocati debbono disporre delle conoscenze di carettere epistemologico necessarie per un impiego razionale delle prove scientifiche, ad esempio per verificare preliminarmente la loro attendibilitá e controllare la qualitá degli esperti di cui si servono come periti di parte. Naturalmente gli stessi criteri servono per valutare l'attendibilitá delle altre perizie di parte, ed anche per verificare la qualitá dell'esperto nominato dal giudice. La seconda conseguenza é che i difensori, eventualmente per mezzo dei loro periti, possono fornire al giudice gli elementi necessari per una valutazione critica approfondita delle prove scientifiche acquisite al processo. Sotto questo profilo spetta alle parti e ai loro difensori il diritto e il dovere di collaborare con il giudice per un corretto apprezzamento di queste prove"* – G. Giappichelli Editore, 2000, Kapitolu 20 intitolat *La scienza nel processo: problemi e prospettive*, a fol 295.

għalhekk jilqá t-talba prinċipali tal-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata u jikkundanna lill-konvenuti rikonvenzjonanti *in solidum* iħallsu lill-assoċjazzjoni attriċi rikonvenzjonata l-ammont ta' erba' t'elef, disa' mija u tnejn u tletin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€4,932.40ċ), bl-imgħax legali mill-5 ta' Novembru 2020[62] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż dawn ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-konvenuti rikonvenzjonanti.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[62] Data tal-preżentata tat-Talba odjerna. Filwaqt li t-Tribunal huwa konxju tal-prinċipju in *illiquidis non fit mora*, madanakollu wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Galea et vs Emanuel Fenech**, (Ċit Nru 1718/2000/1) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili per Onor Imħallef Joseph R Micallef, fis-16 ta' Jannar 2003.